

Brussell, 21 ta' Frar 2018
(OR. en)

6008/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0821 (CNS)

JAI 88
DAPIX 32
CRIMORG 16
ENFOPOL 57
ENFOCUSTOM 26

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	"Deċiżjonijiet ta' Prüm" - Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi (VRD) fil-Portugall

1. Fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Ottubru 2017, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal- Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX) approva r-rapport dwar iż-żjara ta' valutazzjoni rigward l-iskambju tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi (VRD) għall-Portugall (11262/17 DAPIX 262 CRIMORG 136 ENFOPOL 360 ENFOCUSTOM 173 JAI 691) kif ukoll ir-rapport ġenerali (11263/17 DAPIX 263 CRIMORG 137 ENFOPOL 361 ENFOCUSTOM 174 JAI 692) ibbażat fuq il-kwestjonarju, żjara ta' valutazzjoni u prova pilota.
2. Fil-laqgħa tad-DAPIX tat-2 ta' Ottubru 2017, ġie rikonoxxut li kull Stat Membru marbut bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI jaqbel li ġew issodisfati l-kondizzjonijiet biex il-Kunsill jikkonkludi li għall-finijiet tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward tal-VRD, il-Portugall implimenta b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.

3. Konsegwentement, fit-12 ta' Ottubru 2017 il-Kunsill adotta l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI li jikkonċernaw il-Portugall fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat tal-VRD kif jinsab fid-dokument 13196/17 DAPIX 329 CRIMORG 167 ENFOPOL 452 ENFOCUSTOM 217 JAI 902.
4. Kif meħtieġ mid-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat, fis-27 ta' Novembru 2017 il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta l-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward tal-VRD fil-Portugall, kif rivedut mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 13308/17 DAPIX 332 CRIMORG 168 ENFOPOL 455 ENFOCUSTOM 222 JAI 923.
5. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Frar 2018.
6. *Abbażi ta' dan, il-COREPER qed jintalab:*
 - *jippreżenta r-rapport ġenerali (11263/17 DAPIX 263 CRIMORG 137 ENFOPOL 361 ENFOCUSTOM 174 JAI 692) lill-Kunsill, u*
 - *jistieden lill-Kunsill biex jadotta bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward tal-VRD fil-Portugall (13308/17 DAPIX 332 CRIMORG 168 ENFOPOL 455 ENFOCUSTOM 222 JAI 923).*